**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 30 TA' MEJJU 2019.**

**Rikors Nru. 646/2013GM**

**ANTHONY SPITERI**

**ID 720361(M)**

**VS**

**ERIC ZAHRA**

**ID 233492(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Anthony Spiteri ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti:

i. Tiddikjara l-imħarrek unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-13 ta' Ottubru, 2011 ġewwa Hal-Farrug bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH-268 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBR-786 misjuqa mill-konvenut fejn l-attur sofra danneġġjament permanenti fuq il-persuna tiegħu u f'liema ħabta l-vettura tal-attur tkissret kompletament u ġiet *beyond economic repair*;

ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tiegħu u kemm fuq il-vettura tiegħu;

iii. Tikkundanna lil-imħarrek iħallas l-ammont hekk likwidat.

Rat ir-Risposta Maħlufa imressqa mill-konvenut fit-13 ta' Awwissu 2013 li permezz tagħha **ammetta r-responsabilita`** tal-aċċident iżda irrileva illi l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnu allegati u reklamati;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tad-9 ta' Ottubru 2013 li bih ħatret lill-espert mediku ortopediku Mr Massimo Abela (fol 16);

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku ortopediku Mr Massimo Abela fit-29 ta' Novembru 2013 (fol 26);

Qieset ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-każ jitratta dwar inċident tat-traffiku li seħħ fit-13 ta' Ottubru 2011 bejn vetturi numru BBR 786 misjuqa mill-konvenut u BBH 268 proprjeta` tal-attur, li kienet qegħda tinstaq minn Anthony Spiteri. Ir-responsabbilta` għall-inċident hija ammessa mill-konvenut. Għalhekk il-kwistjoni hi limitata għal-likwidazzjoni tad-danni li jippretendi l-attur;

**Damnum Emergens**

Illi l-attur qed jitlob kumpens għall-vettura li kien qed juża dak inhar tal-inċident tat-tip Maruti Omni Petrol tal-1991 illi kawża tal-istess ġiet *beyond economical repair* u għalhekk ma setax jibqa' jagħmel użu minnha;

Illi l-*motor surveyor* imqabbad mis-soċjeta assikuratriċi tal-konvenut evalwa l-vettura għal-prezz ta' €600[1] wara konsultazzjoni ta' *guide book* li joħroġ minn żmien għal żmien għall-użu ta' kumpaniji ta' assikurazzjoni. Meta seħħ l-inċident l-vettura tal-attur kellha kważi għoxrin sena u għalhekk ġiet kważi kompletament żvalutata. Kien ippropona *cash settlement* ta' €500 peress illi l-*wreck value* kellu valur ta' €100;

Illi fin-nota ta' sottommissjonijiet tiegħu, l-attur jaqbel mal-valutazzjoni tal-*motor surveyor* iżda jargumenta illi għalkemm il-valur tal-vettura huwa minimu, kien bl-istess vettura illi kien jinqeda u li llum il-ġurnata b'sitt mitt ewro ma jista' jixtri l-

[1] Dok WV a Fol 76.

ebda vettura li taqdih bħal ma kienet taqdih qabel. L-attur għalhekk jippretendi illi għandu jiġi kumpensat għat-telf ta' użu tal-istess vettura għal perjodu konsiderevoli u jgħid ukoll illi ma kellux flus biex jixtri vettura oħra;

Illi in sostenn ta' din il-pretensjoni, l-attur kien jeħtieġlu jressaq xi tip ta' prova sabiex isaħħah it-teżi tiegħu illi wara l-aċċident ma kellux mezz biex jixtri vettura oħra u jistabilixxi l-perjodu illi huwa għamel mingħajrha. Hawnhekk il-Qorti tinsab fl-għama sabiex tasal għal-kumpens xieraq li wara kollox kien fl-interess tal-attur sabiex jipprovdi dak kollu neċessarju sabiex jiġi ġustament kumpensat. L-attur ma jistax jippretendi – kemm-il darba dan it-tip ta' dannu jiġi aċċettat - li l-Qorti tasal għal ċifra *arbitro boni viri* mingħajr ebda ħjiel ta' prova miġjuba minnu. Il-Qorti teżerċita diskrezzjoni bħal din biss meta ma jkunx possibbli għall-attur biex iġib il-provi meħtieġa, u mhux biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tiegħu li jagħmel dan meta jkun jista'[2]. Altrimenti l-proċess ġudizzjarju, minflok jistrieħ fuq il-provi, isir eżerċizzju ta' arbitrarjeta`;

## *Lucrum Cessans*

Illi l-attur kawża tal-inċident ġarrab ferita fonda li kienet tinvolvi l-irkoppa tal-lemin, riżultat ta' dan kellu bżonn operazzjoni biex tiġi esplorata, titnaddaf u tingħalaq il-ferita. L-attur għadu jbati minn uġigħ meta jisptrapazza l-irkoppa, għandu problemi biex jitla' slielem u taraġ u ma jistax joqgħod fuq l-irkoppa jew kokka;

[2] Ara per eżempju Blye Engineering Company Limited v Victor Balzan 23.06.2004 Qorti tal-Appell, per Onor. Imħ. Philip Sciberras, iċċitata mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tiegħu

## Multiplier

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[3], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[4], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[5], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu 48 sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 13-il sena[6];

## Paga

Illi l-attur fi żmien l-inċident (2011) kellu dħul gross mill-impjieg tiegħu ta' €14,529.01 u kellu dħul mill-impjieg fuq bażi *part-time* ta' €1,711 li flimkien jammontaw għal-€16,240.01. Il-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rappreżentanti l-paga annwali għandha tiżdied is-somma ta' €200 fis-sena biex tikkumpensah għall-varjazzjonijiet fil-pagi, għoli tal-ħajja u żiediet fl-inflazzjoni in ġenerali, €200 x 13 = €2,600;

## Rata ta' Diżabilita'

---

[3]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe.
[4]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe.
[5]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.
[6] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

Illi fir-rapport tiegħu[7], l-espert mediku ikkonstata illi l-attur wera sensitivita fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ġog li jista' jindika ħsara ħafifa fil-qarquċa tal-ġog (*chondral damage*). Hemm possibilta` żgħira li din il-ħsara twassal għal-artrite fil-futur u għalhekk attribwixxa rata' ta' diżabilita' ta' 2% li ma ġietx kontestata mill-konvenut;

**Lump Sum Payment:**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti kif preżentement ippreseduta f'sentenzi oħra: "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[8]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ kwazi tmien snin ilu;

Illi abbażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(€16,240.01 x 13 x 2%) + €2,600 = €6,822.40

Għaldaqstant:

Damnum emergens = €500
Lucrum cessans = €6,822.40

---

[7] Fol 26.

[8] Trevor Grech v Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

**Total tad-danni = €7,322.40;**

Illi l-attur naqas li jirrispondi għal tentattivi mill-konvenut biex id-danni jiġu likwidati bonarjament, kemm qabel kif ukoll waqt il-kawża. Il-kawża ħalliha wkoll titwal inutilment tant li din il-Qorti, diversament ippreseduta, kienet kostretta tħalli l-kawża sine die (fol 37) u sussegwentement tħassar il-kawża minn fuq il-lista bi spejjeż tal-attur (fol 43). Dan l-atteġġjament sejjer jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tiddikjara lil konvenut responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fit-13 ta' Ottubru 2011 ġewwa Hal Farrug bejn l-attur u l-konvenut;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €7,322.40;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €7,322.40 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv;

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

ONOR IMHALLEF
GRAZIO MERĊIEĊA